

# Dun Melchior Lia Viċi-Kappillan taż-Żejtun fi żmien il-Matriċi

*Kitba: Kan. Dun Joe Abela*

*Ftit saċerdoti*

Din is-sena ċċelebrajna, kif kien jixraq, l-400 mitt sena mindu l-parroċċa tagħna ta' Santa Katarina, saret matriċi, meta l-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar infirdet miż-Żejtun. Iżda ftit li xejn ftakarna fis-saċerdoti li kienu nvoluti f'dawk il-ġrajjiet storiċi. Veru ma kinux ħafna l-qassisin, kemm fiż-Żejtun, kif ukoll f'Ħaż-Żabbar 400 mitt sena ilu, iżda jixraq li jien infakkar saċerdot li minn dejjem interessani ħafna, speċjalment wara li b'ħafna taħbit u riċerki rnexxieli niddiċifra ismu, ċertu Dun Melchior Lia. Is-saċerdoti Żwieten kienu numerużi biss f'nofs is-seklu 18, jiġifieri għal ħabta tal-1750, meta kienu jgħoddu madwar erbgħin! Iżda fl-1616 forsi kont tgħoddhom fuq is-swaba ta' idek il-waħda!

Għalija wara l-kappillan taż-Żejtun, Dun Mattew Burlo', l-iktar saċerdot important kien Dun Melchior Lia, li għalkemm kien jgħix Ħaż-Żabbar, kien ukoll il-viċi-kappillan taż-Żejtun, peress li Ħaż-Żabbar kien għadu fil-limiti taż-Żejtun. Meta jien bdejt nirriċerka l-istorja ekkleżjestika taż-Żejtun, kont spiss niltaqa' mal-kunjom Lia, li għall-ewwel ma stajtx naqrah, peress li l-kitba fid-dokumenti ma kinitx ċara biżżejjed. Meta ġejt mitlub minn wieħed Żabbari nibgħatlu xi tagħrif dwar iż-żmien meta Ħaż-Żabbar kien għadu parti miż-Żejtun, l-interess tiegħi f'das-saċerdot kompla żdied.

*Il-Ħidma ta' Dun Melchior Lia*

Peress li l-limiti taż-Żejtun kienu estiżi ħafna – mill-Ponta ta' Dellimara u d-Daħla ta' San Ġorġ f' Birżebbuġa sas-swar tal-Kottonera u x-Xgħajra, li kienu jinkludu wkoll Wied il-Għajn u l-Bajja ta' San Tumas u minn naħa l-oħra sat-tarf ta' Bir Miftuħ ( il-Gudja tal-lum ) – il-kappillan taż-Żejtun waħdu ma kienx ilaħħaq max-xogħol pastorali kollu u għalhekk kien jeħtieġ xi saċerdoti oħra biex jagħtuh daqqa t'id, speċjalment fl-amministrazzjoni tas-Sagramenti u l-funerali. Is-saċerdot li jgħin lill-kappillan insejħulu viċi-kappillan u propju hekk kien Dun Melchior Lia.

Dun Melchior kien ħabbrieki ħafna f'Ħaż-Żabbar fl-aħħar snin tas-seklu

16 u fl-ewwel snin tas-seklu 17, snin meta Ħaż-Żabbar kien għadu kkunsidrat parti mill-parroċċa ta' Santa Katarina fiż-Żejtun. Dun Melchior kien jaħdem l-aktar fil-parti llum imsejħa l-Misraħ. Lil dan is-saċerdot qatt ma ltqajt miegħu f'Bisqallin, ir-raħal t'isfel taż-Żejtun fi żmienna. Xogħlu kien biss f' Ħaż-Żabbar, iżda hemm kien jaħdem ħafna, speċjalment fil-kappella ċkejkna ddedikata lill-Appostlu San Ġakbu.

*San Ġakbu f'Ħaż-Żabbar*

Din il-kappella, fejn Dun Melchior kien iqaddes u jamministra s-Sagramenti, kienet important ħafna f'Ħaż-Żabbar ta' dak iż-żmien. Kienet tinsab propju fil-post imsejjaħ il-Misraħ illum. Fi żmienna dil-kappella m'għadhiex teżisti. Wara li twaqqgħet kienu tellgħu flokha statwa ta' San Ġakbu, iżda din ukoll m'għadhiex teżisti, għalkemm fil-post għadu mfakkar dan il-qaddis, jekk mhux b'ħaġa oħra bl-isptar St.James li jinsab hemm. Barra min hekk, iż-Żabbarin għadhom ifakkru lil dan il-qaddis bil-kappella l-ġdida li bnew fix-Xgħajra ta' Ħaż-Żabbar, li ddedikawha lilu. Forsi llum aħna ż-Żwieten ma tantx niftakru f'dan l-appostlu, iżda ta' min jgħid li f'dawk iż-żminijiet, is-subien l-iktar li kienu jissemmew kienu għall-appostli: Ġakbu, Pietru, Ġwanni, Indri u l-bqija. Anke San Ġużepp kien minsi!

Biex inġibu quddiem għajnejna l-importanza tal-ħidma pastorali ta' Dun Melchior, niftakru fil-mixja li kien ikollhom jagħmlu ż-Żabbarin biex jiġu fil-knisja ta' San Girgor, li kienet il-knisja parrokkjali tagħhom, bħalma kienet taż-Żwieten. Mixja fix-xemx tas-sajf u fl-ilma tal-għadajjar tax-xitwa.

Jien ma nafx x'kienu s-sentimenti u l-aspirazzjonijiet ta' Dun Melchior, iżda jien jiddispjaċini li meta Ħaż-Żabbar sar parroċċa, mhux hu ġie magħżul bħala l-ewwel kappillan, iżda ħaddieħor. Aktar u aktar meta saċerdot kien jgħix biss mix- xi ħaġa li joffrulu n-nies! X'ġara minn Dun Melchior wara l-1616 jien ma nafx, l-aktar meta mhux San Ġakbu ġiet magħżula bħala knisja parrokkjali ta' Ħaż-Żabbar, iżda l-kappella tal-Madonna tal-Grazzja. Forsi xi studjuż mill-istorja tal-knisja għad warajja jkompli jagħmel riċerka dwar dan is-saċerdot tant għal qalbi!

*Ismijiet*

Għalkemm fiż-Żejtun hu rari li niltaqgħu mal-kunjom Lia, f'Ħaż-Żabbar dal-kunjom kien fl-imgħoddi u għadu sal-lum popolari. Mhux hekk l-isem Melchior! Melchior

qatt ma naf li kien meqjum bħala qaddis. Nafu li hu isem fittizju li ġie mogħti lil wieħed mit-tliet slaten Maġi, biss mhux qabel is-sitt seklu jiġifieri mijjiet ta' snin wara t-twelid ta' Ġesu'. Sħabu ġew imsemmija Gaspare u Balthazar. L-istorja tas-Slaten Maġi li aduraw lil Ġesu' tarbija u offrewlu r-rigali tagħhom hi rrakkuntata fit-tieni kapitlu tal-Vanġelu ta' San Mattew.

*L-isem Malti Ġakbu*

Ġakbu bħala isem ukoll m'għadux popolari fi żmienna, għalkemm il-verżjonijiet bl-Ingliż bħal James u Jimmy għadna niltaqgħu magħhom. Hu x'inhu, fl-istorja tal-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar, San Ġakbu kellu sehem wisq important, importanza li sa ċertu punt, wara ġiet trasferita għall-Madonna tal-Grazzja, peress li kienet il-kappella ddedikata lilha li ntgħażlet bħala l-knisja parrokkjali tal-parroċċa l-ġdida Żabbarija.

## *L-Għaqda tan-Nar 25 ta' Novembru tifraħ lil:*

Mons. Victor Grech

Kan. Joe Abela

Dun Angelo Seychell

Dun Guzepp Scerri

f'għeluq is-60 sena saċerdozzju.

Dun Alfred Vella li nħatar membru tal-kapitlu tal-Katidral tal-Imdina.

Dun Dylan Bugeja viċi- Arċipriet inħatar membru tal-kapitlu ta' San Pawl Nawfragu l-belt Valletta.

Bro. Aaron Zahra OP li ġie ordnat djaknu nhar 7 ta' Mejju 2016